# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 814/14/2 NC**

**Dr. Shaheryar Ghaznavi fil-kapaċità tiegħu ta' prokuratur speċjali tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja in rappreżentanza tal-Istat tal-Libja**

**v.**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2014 ġew appuntati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi magħruf ukoll bħala Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi, li hu magħruf ukoll bħala Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi li hu magħruf ukoll bħala Dr. Muatasimballah Abumi, u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2015 l-Avukat Charilaos Oikonomopoulos assuma l-atti ta' dawn il-proċeduri fil-kapaċità tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' Safiya Ferkash Mohammed bħala waħda mill-eredi preżunti ta' Mutassam Gaddafi, u limitatament sa fejn kienu qegħdin jirrappreżentaw l-interessi tal-imsemmija Safiya Ferkash Mohammed bħala waħda mill-eredi preżunti ta' Mutassam Gaddafi, il-ħatra tal-kuraturi deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut ġiet revokata *contrario imperio***

**u**

**Capital Resources Limited (C 50047) għal *kwalsiasi* interess li għandha jew li jista' jkollha fil-proċeduri odjerni u b'Nota tal-20 ta' Marzu 2015, Dr. Charilaos Oikonomopoulos assuma l-atti f'isem Capital Resources Limited bħala Kuratur Deputat**

1. B'rikors preżentat fil-25 ta' Ottubru 2022 l-Avukat Charilaos Oikonomopoulos bħala mandatarju tal-konvenuti Safiya Ferkash Mohammed u Capital Resources Limited talab lil din il-Qorti sabiex tagħtihom il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament skont l-Art. 904 tal-Kap. 12 għal dak li jirrigwarda l-għoti tal-garanzija fir-rigward tal-appell li ppreżentaw fil-21 ta' Lulju 2022 mis-sentenzi li tat l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Ottubru 2017 u 28 ta' Ġunju 2022.

2. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hi dwar assi li Mutassim Gaddafi (miet fl-20 ta' Ottubru 2011), iben Muammar Gaddafi kellu f'Malta fosthom fil-kumpanija Capital Resources Limited u li fiha kien azzjonist. L-Istat Libjan fetaħ din il-kawża sabiex jirkupra ġid li qiegħed f'Malta, u li jippretendi li għandu jingħata lura għaliex Mutassim Gaddafi kien qiegħed iżommu bi ksur tal-liġi Libjana.

3. Ir-rikors tal-25 ta' Ottubru 2022 kien preżentat wara li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunal innofitika avviż lill-appellant *nomine* sabiex jagħti garanzija ta' €4,620,149 għall-ispejjeż ġudizzjarji tal-appell. Avviż notifikat lill-appellant fit-12 ta' Settembru 2022.

4. Minn dak li xehed fit-tul l-Avukat Oikonomopoulos (seduta tat-28 ta' Novembru 2022), intwera b'mod sodisfaċenti li kemm hu bħala mandatarju, u wkoll Safiya Ferkash Mohammed (l-armla ta' Muammar Gaddafi) u Capital Resources Limited m'għandhomx il-mezzi finanzjarji sabiex jagħtu garanzija għal dik is-somma konsiderevoli ta' flus.

5. Safiya Ferkash Mohammed hi wkoll milquta b'*asset freeze* mir-Regolament tal-Unjoni Ewropea 204/2011 (ara avviż legali 105 tal-2011).

6. Inoltre, il-ġid li kellu l-mejjet hu maqbud bis-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (ara Avviż Legali 69 tal-2011, Regolamenti tal-2011 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-Jamaħarija Għarbija Libjana).[1] Għalkemm mill-atti jirriżulta li l-kumpanija Capital Resources Limited għandha ammonti kbar ta' flus depożitati f'kontijiet bankarji, dak il-ġid mhuwiex disponibbli minħabba li l-ġid tal-mejjet hu maqbud. Inoltre, għalkemm saret talba lis-Sanctions Monitoring Board sabiex jirrilaxxa fondi sabiex tingħata l-garanzija mitluba mir-Reġistratur permezz tal-avviż ta' kawtela, il-Bord baqa' ma weġibx (ara ittri mibgħuta mid-difensur

[1] *8. (1) Kull flejjes, attiv finanzjarju u riżorsi ekonomiċi oħra li jkunu jappartjenu jew jkunu kkontrollati, direttament jew indirettament, mill-persuni u entitajiet msemmija f'Anness II tar-Riżoluzzjoni jew designati mill-Kumitat, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq ordni taghhom , jew minn entitajiet li jkunu jappartjenu lilhom jew jkunu kkontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati minnufih u jibqgħu hekk sakemm il-Kumitat ma jneħħix lil dawk il-persuni jew entitajiet mil-lista ta' individwi jew entitajiet debitament designati.*

tal-appellant *nomine* u datati 9 ta' Awwissu 2022, 13 ta' Settembru 2022 u 11 ta' Ottubru 2022).

7. Din il-Qorti tikkonkludi li mill-provi rriżulta li l-mezzi tal-appellanti ma jippermettux li jiddepożitaw is-somma li r-Reġistratur talab bħala kawtela. Il-Qorti hi sodisfatta li lanqas ma seta' jirnexxielhom iġibu l-garanzija mitluba.

8. Għal dak li jirrigwarda l-*causa probabilis litigandi*, fir-rikors tal-appell l-appellant *nomine* jilmenta *inter alia* dwar:

i. Dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li titratta dwar l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellant jikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li l-kwistjoni dwar preskrizzjoni hi regolata mil-liġi Libjana.

ii. Hijiex applikabbli f'Malta l-liġi Libjana li fuqha l-appellant *nomine* bbaża l-kawża. Skont l-appellant *nomine* peress li dik il-liġi hi ta' natura penali, qorti Maltija m'għandhiex is-setgħa li tapplika dik il-liġi.

iii. Il-mod kif l-Ewwel Qorti nterpretat u applikat il-liġi Libjana għall-provi li kellha quddiemha.

9. Wara li l-Qorti rat l-atti fuq bażi ta' *prima facie* hi sodisfatta li fl-aggravji hemm punti ta' liġi u ta' fatt li jimmeritaw konsiderazzjoni minn din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi tilqa' t-talba tar-rikorrent *nomine* sabiex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament *ai termini* tal-Art. 904 tal-Kap. 12.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm